TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 35/18-F

**Brian Alex Mizzi**

**vs**

**Ryan Borg – R & R Autospares & Repairs**

Illum 29 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-1 ta' Marzu, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni tmenin ewro (€80), rappreżentanti l-prezz li ħallas sabiex jiġi msewwi l-aircondition tal-karozza li fil-fatt qatt ma ssewwa.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien mar jieħu l-vettura tiegħu sabiex tissewwa peress li l-aircondition ma kienx qed jaħdem u kien melieh bil-gass u ħallas tmenin ewro (€80), u wara li sar dan xorta ma bediex ikessaħ. Illi minkejja li ħadha drabi oħra, xorta ma sarx ix-xogħol tat-tiswija. Għalhekk ir-rikorrenti qed jitlob rifużjoni ta' tmenin ewro (€80) lura tax-xogħol li għamel li kien għalxejn.

**It-Tribunal jinnota illi :**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tmenin ewro (€80), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**